MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 204/2005

**Angelo u Carmen konjugi Montebello in solidum (ID nri : 728636(M) u 496743(M) rispettivament)**

**Vs**

**Alfred Zahra (ID nru : 358645(M)),
Leli Saliba (ID nru : 1066546(M)) u
Rita Saliba ghal kull interess li jistgha jkollha (ID nru : 824947(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi 'in solidum' ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) rapprezentanti flus mislufa lil Alfred Zahra ghal sena permezz ta' skrittura ffrimata bejniethom datata 22 ta' Awissu 2001, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata Dok 'A', u garantiti minn Leli Saliba permezz ta' skrittura ta' l-24 ta' Gunju 2004, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata Dok 'B'.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorji tal-25 ta’ Gunju 2004 u ta’ l-10 ta’ Marzu 2005, u bl-imghax legali mid-data tal-hlas lura ta’ l-imsemmija somma skond Dok ‘A’, sal-pagament effetivi kontra l-konvenuti.

Il-konvenuti ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u fol 3 u mmarkati <u>Dok A</u> u <u>Dok B</u>.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit- 8 ta’ Marzu 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi ‘in solidum’ s-somma ta' Lm3000.00 bl-imghax legali mit-22 ta’ Awissu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inklusi dawk tal-ittri interpellatorji tal-25 ta’ Gunju 2004 u tal-10 ta’ Marzu 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------